**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
wl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 41

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar**

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali
Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 41 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 11 ta' Frar 2022, fil-5:30 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-*interne*t u hi miftuħa għall-pubbliku.

Elke Sghendo 3 ta' Frar, 2022
Deputat Aġent Segretarju Eżekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier
- Mary Borg Kunsillier

Onlajn:
- Carlos Zarb Viċi Sindku
- Stephen Cremona Kunsillier

Skużati:
- Anne Marie Fenech Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-**5.30** ta' filgħaxija. F'isem il-Kunsill feraħ lis-Sinj. Mary Borg għall-ħatra tagħha ta' Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

**41.1 <u>Qari ta' ittri ta' apoloġija</u>**

Il-Kunsill irċieva notifikazzjoni ta' riżenja mill-Kunsillier mingħand Graziella Galea. Dan minħabba l-fatt li ġiet co-opted fil-Parlament ta' Malta. Il-Kunsill awguralha għall-ħatra ġdida tagħha u rringrazzjaha għall-ħidma tagħha.

Il-Kunsillier Anne Fenech talbet li tiġi skużata minħabba mewt fil-familja.

**41.2 <u>Kunsiderazzjoni ta' minuti</u> – Laqgħa Numru (40)**

Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 40 hekk kif tressqu.

**41.3 <u>Punti mill-Minuti</u>**

- **Nudge Travel - *Walking and Cycling signage in St Paul's Bay***

Fl-24 ta' Jannar 2022, inżammet laqgħa mal-Istitut għat-Tibdil tal-Klima u l-Iżvilupp sostenibbli mill-Universita ta' Malta u l-Kunsill. Dawn ipproponew li f'San Pawl il-Baħar ikun hawn minn tal-anqas 8 siti ta' konnettivita li tgħaqqad it-Tramuntana tal-pajjiż għan-Nofsinhar.

Il-Kunsill innota, li bit-twaħħil tat-*totems* se jinħoloq aktar xkiel u nkonvenjenza għal kull minn juża' l-bankini, b'mod speċjali għal dawk b'diffikultajiet visivi u ta' mobilita. Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi preżenti, il-Kunsill ma approvax li jitwaħħlu *totems* madwar il-lokalita'.

- ***Local Council Clearance for PA/07961/21 (Sanctioning of Qawra Primary School)***

Fl-21 ta' Jannar 2022 inżammet laqgħa mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Issemma, li l-parkeġġ tal-iskola jakkomoda 380 vettura, 11 aktar minn dak previst. Il-Ministru tal-Edukazzjoni Dr Clifton Grima u s-Segretarju Permanenti fl-istess ministeru rriaffermaw l-impenn tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dwar li l-parkeġġ jinfetaħ għall-pubbliku fl-anqas żmien possibbli.
Is-Sindku Alfred Grima ipproponа li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għas-sanzjonar ta' PA/07961. Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva.

- **Laqgħa 12 ta' Jannar 2022 re-Avviż Legali 146 tal-2021**

Is-Sindku fakkar lill-Kunsillier Chris Vella Petroni dwar li fil-laqgħa kellu jippreżenta rapport qasir ta'rakomandazzjoni ta' siti fejn jistgħu jitqegħdu l-kontenituri tal-iskart riċiklabbli madwar il-lokalita'. Il-Kunsilliera Paul Bugeja, Stephen Cremona u Anthony Delia ressqu l-proposti tagħhom biex jiġu nkorporati fir-rapport.

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni ġie nkarigat biex fil-laqgħa li jmiss iressaq rapport.

- **Ġemellaġġ**

Bħala punt ta' informazzjoni issemma li l-applikazzjoni waslet fil-fażi finali.

- **Bus Shelters**

Il-Kunsill approva li apparti għal *bus shelter* ta' Triq Burmarrad, jitmexxa l-proċess bl-applikazzjonijiet kollha neċessarji fosthom mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

- **ECDL**

Applikaw 26 persuna li 3 minnhom huma taħt is-16-il sena. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni proposta biex l-eta' tinkludi dawk minn 12-il sena l'fuq minflok 16 il-sena l'fuq u li l-Kunsill japplika għal credit card biex tintuża għar-riklamar fuq Facebook u fejn meħtieġ.

Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.

- **Festa Burmarrad – avviż**

Il-Kunsill approva li jagħmel riklam għall-prezz ta' 100 Euro fil-ktieb maħruġ mill-Kumitat tal-Festa Burmarrad.

## 41.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 41.4.1 Il-Kunsillier Anne Fenech

8 ta' Frar 2022 - Il-Kunsillier Anne Fenech informat li għal darb'oħra qed tifforma parti mill-Partit Nazzjonalista.

### 41.4.2 *COST Action Project - Underground Built Heritage*

Il-Kunsill ġie mistieden jipparteċipa fi proġett li jitratta l-mitħna ta' taħt l-art permezz ta' applikazzjoni ta' l-EU biex jinġiebu esperti biex jagħmlu *case-study* u possibilment isir restorazzjoni ta' parti mill-makkinarju.

Is-Sindku ppropona li tiġi vvutata s-somma sa mhux aktar minn 2,000 Euro għax-xiri tal- materjal meħtieġ. Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Mario Salerno.
Il-Kunsill approva.

### 41.4.3 Devoluzzjoni ta' art fi Triq San Ġorġ – Ċentru Ċiviku

11 ta' Frar, 2021 - L-Awtorita' tal-Artijiet informat li l-pjanti bl-art proposta ġew imħejjija. Hemm 3 proposti minn naħa tad-*Drawing Unit* li ġew mgħoddija lil uffiċċju ta' CEO sabiex jiġu diskussi mid-*Disposal Committee* u tintagħżel il-pjanta li tkun preżentata lill-KL San Pawl il-Baħar bħala s-sit propost mill-Awtorita' tal-Artijiet għall-bini ta' Ċentru Ċiviku. Il-pjanta għandha tkun magħżula fil-ġranet li ġejjin.

### 41.4.4 Ħitan tas-sejjiegħ imġarfa fit-triq ta' taħt Triq il-Kosta, limiti tas-Salina

Il-Kunsill intalab biex jibni mill-ġdid il-ħitan li ġġarfu fit-triq ta' taħt Triq il-Kosta, limiti tas-Salina u li minn dak li jidher jaqgħu fir-responsabbilita' tal-Kunsill.
Kien hemm qbil unanimu li tinħareġ Sejħa għall-Kwotazzjonijiet għax-xiri ta' servizz u materjal meħtieġ biex il-ħitan jinbnew mill-ġdid.

### 41.4.5 SPI.SCI.2.2022. *Community Inclusive Employment Scheme* 2022

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika għall-iskema Community Inclusive Employment 2022 għal xogħol klerikali fuq bażi full time.
Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Antoinette Bezzina.

Il-Kunsill approva.

**41.4.6 Każ Ta' Fra Ben**

L-avukat tal-Kunsill Dr John Bonello nforma li l-avukat ta' waħda mill-partijiet fil-każ ma huwiex tal-fehma li jinżammu laqgħat meta l-każ qiegħed fi stadju li jinqata' l-appell.

**41.4.7 *Qualification Allowance***

Fit-22 ta' Jannar 2022, fuq struzzjonijiet li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment, intbagħtet rikjesta lil ex Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għar-rifużjoni ta' ħlas ta' qualification allowances imħallsa żejda.

Fid-9 ta' Frar 2022 waslet il-Kunsill imejl mingħand l-avukat Dr Natalia Camilleri għan-nom ta' l-ex Segretarju Eżekuttiv b'risposta għar-rikjesta.
B'referenza għar-rikjesta ta' ħlasijiet dovuti marbuta ma użu ta' telefon u vettura personali l-Kunsill innota, li fl-ebda żmien tal-kariga ma tressqet quddiem il-Kunsill xi rikjesta għall-ħlasijiet imsemmiegħa fl-imejl tad-9 ta' Frar 2022 mibgħuta mingħand l-avukat Dr Natalia Camilleri.

9 ta' Frar 2022 l-avukat tal-Kunsill Dr David Bonello ta l-parir segwenti.

*"In my opinion it is vital that her claim for monies relating to mobile allowance etc and the Council's claim based on the DLG report be kept separate and distinct from each other. They are two separate claims and cannot be confused from one another.*

*Regarding the Council's claim for a refund of funds I think there is no other option but to initiate court proceedings against ex Executive Secretary to recoup funds since it seems she has no intention of returning the funds as per her lawyer's reply"*

Il-Kunsill unanimament qabel li jimxi fuq il-parir tal-avukat Dr. David Bonello.

**41.4.8 *Tender* SPB T/04/2021 – Ġnien Joseph P. Carauna Triq Cassarino / It-Turisti**

Minħabba problemi tekniċi s-sejħa għall-offerti li nħarġet trid tiġi kkanċellata u tinħareġ oħra mill-ġdid fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

**41.4.9 Xogħlijiet Infrastrutturali**

Għalkemm b'diversi ntoppi, ix-xogħlijiet konnessi mal-bini mill-ġdid ta' Triq il-Kaħli nbdew kif inbeda ukoll l-*patching* estensiv ta' Triq il-Port Ruman.

**41.4.10 Installazzjoni ta' dawl ġdid fi Triq San Timotju kantuniera ma Triq Garcia de Toledo**

Is-Sindku Alfred Grima ippropona l-installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq San Timotju kantuniera ma Triq Garcia de Toledo bi stima ta' €3,610.80 + VAT.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva.

**41.4.11 Appell 91/19 miċħud - PA6747/18 ex Mistra Village**

31 ta' Jannar 2022, il-Kunsill ġie notifikat li l-appell 91/19 relatat mal-applikazzjoni PA6747/18 ġie miċħud konsegwenza li l-Kunsill u/jew ir-rappreżentant tiegħu naqas milli jidher quddiem it-Tribunal għal żewġ seduti konsekuttivi.

L-avukat tal-Kunsill Dr D. Bonello informa li l-każ ilu ghaddej mill-bidu tas-sena 2019 u sa ma faqqgħet il-pandemija attenda kull seduta, fil-maġġoranza tagħhom kien ikun waħdu bħala avukat mingħajr rappreżentazzjoni tal-Kunsill Lokali. Meta bdiet il-pandemija s-seduta ta' wara meta suppost kellu

jinstema' l-appell ġiet differita minħabba l-*COVID-19*. Minn hemm hu qatt ma rċieva data oħra meta mar dan l-appell. Kien jaf li dan se jieħu t-tul kemm minħabba differimenti tal-pandemija kif wkoll minħabba tibdil fil-kompożizzjoni tat-tribunal. Meta staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien dwar dati ta' dan l-appell ġejt informat li l-Kunsill qatt ma rċieva xejn. L-ewwel darba li rċieva kien ftit ilu meta kien hemm talba li l-appell ma jibqax jinstema u hu pprova jagħmel talba mod biex dan ma jsirx li pero' ġie miċħud.

**41.4.12 Bust Tabib Victor Calvagna**

Il-Kunsill ġie nformat li l-familja tat-Tabib Victor Calvagna bagħtet l-approvazzjoni u r-ringrazzjament tagħha għall-proposta ta' bust ta' tifkira. Intqal ukoll li l-Iskultur Indri Attard offra li jagħmel il-bust ċirka ta' 74 cm għoli taċ-ċeramica lewn il-bronż mingħajr ħlas. Bħala pedestal ippropona li ssir tal-konkos bl-irħam f'daqs ta' 60cm kwadru b'120cm għoli bl-inkarigu għall-ħlas ikun tal-Kunsill.

Il-Kunsill irringrazzja lill-Iskultur Indri Attard għal dan il-ġest. Approva li jinbeda l-proċess biex jinġagħbu l-permessi neċessarji u li wara jinbdew ix-xogħlijiet meħtieġa.

**41.4.13 *Defibrillator* – Reġjun Tramuntana**

Ir-Reġjun Tramuntana bagħat jinforma li se jkun qed jgħaddi *defibrillator* lil kull Kunsill membru għall-użu pubbliku. Il-Kunsill faħħar u rringrazzja lir-Reġjun għal din l-inizzjattiva. Is-Sindku nforma ukoll li l-ħaddiema se jkunu qed jieħdu taħriġ fuq dan l-apparat.

**41.4.14 *Earth Hour* 2022**

Il-Kunsill ġie mistieden li s-Sibt 26 ta' Marzu 2022 jikkollabora mal-Ministeru ta' l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar billi jitfi xi dwal ta' xi pjazez, monumenti jew bini amministrattiv bejn it-8.30 ta' filgħaxija u d-9.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill qabel li jipparteċipa billi jintefa l-uffiċċju amministrattiv u xi bini ieħor pubbliku nkluż jekk meħtieġ li jintefa għal siegħa d-dwal ta' madwar il-kosta.
Il-Kunsill approva ħlas ta'*overtime* jekk meħtieġ.

**41.4.15 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill ħareġ sejħa għall-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv minn Kunsilli oħra skont Artiklu 50 tal-Att dwar Gvern Lokali kif ukoll fuq struzzjonijiet tad-Direttur għall-Gvern Lokali. Is-Sindku nforma li din għalqet fit-12 ta' Frar 2022.

**41.4.16 Kumitat għat-Tismija tat-Toroq - Malta**

Il-Kumitat m'aċċettax il-proposta biex sqaq mingħajr isem uffiċjali ġewwa Triq San Pawl, jissemma, peress li nstab li dan l-isqaq huwa privat.

**41.4.17 Ċir. AKL 2022/019 - Il-Laqgħa Plenarja fl-4 u 5 ta' Marzu 2022**

Is-Sindku Alfred Grima ppropona l-approvazzjoni għall-ħlas ta' 80 Euro għal kull membru tal-Kunsill inkluż l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv biex jipparteċiepa fil-laqgħa plenarja li ser tiġi organizzata mill-AKL. Ġie approvat ukoll il-ħlas biex l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv torqod il-lukanda biex tevita l-iskariġġ. Il-Kunsillier Anthony Delia ssekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva. nem con.

**41.4.18 Laqgħat mas-settur edukattiv**

Il-Kunsillier responsabbli mill-edukazzjoni Paul Bugeja, żamm żewġ laqgħat mat-tmexxija tal-Kulleġġ Maria Reġina ta' San Pawl il-Baħar fejn il-Kunsill intalab jgħin biex isir *Work Book* informattiv għal tfal li jinkludi informazzjoni, *video* fuq *You Tube* u *features* kif ukoll *QR Code* – bi stima ta' madwar 200-250 Euro. Saret rikjesta ukoll biex il-Kunsill jgħaddi kotba b'informazzjoni dwar il-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar.

Il-Kunsill approva baġit massimu ta' €2,000 biex jintużaw għal ħtiġijiet taż-żewġ skejjel tal-Qawra u San Pawl il-Baħar kif ukoll li jitqassmu kotba nformattivi minn *stock* li għandu l-Kunsill. Kull rikjesta għandha tersaq għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv.

## 41.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa lis-Sindku:

1. Kemm applikaw nies għall-kors tal-*EDCL* u x'inhi l-eta' tagħhom.
   **Risposta:** Is-Sindku wieġeb li hu nformat li applikaw 23 persuna l'fuq minn 16-il sena minn total massimu ta' 50 persuna li l-Kunsill kien approva li jagħmel tajjeb għalihom.
   3 żgħażagħ b'eta' minn 16-il sena l'isfel urew interess li jagħmlu l-kors.

2. L-art ta' fejn il-bank ta' Buġibba, kien hemm xi risposta dwarha biex tintuża' parkeġġ?
   **Risposta:** Il-Kunsill ma kienx irnexxielu jagħmel kuntatt mas-sid fi 3 okkażjonijiet.

3. L-art ta' fejn hemm il-*mini golf* ta' Buġibba; din ġiet f'idejn il-Kunsill?
   **Risposta:** Is-Sindku wieġeb li hu nformat li l-Kunsill kien għadu jistenna konferma mingħand l-Awtorita' ta' l-Artijiet. Ser jara li tintbagħat *reminder*.

## 41.6 Rapporti u jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti

**41.6.1 Rapport Finanzjarju Annwali 2021**

L-*accountant* tal-Kunsill is-Sinj. Romina Perici Ferrante tat spjegazzjoni tar-rapport kif ukoll irrispondiet diversi mistoqsijiet tal-Kunsilliera relatati. Informat, li meta wieħed jelimina dak li għandu jħallas u jiġbor il-Kunsill jibqa' bilanċ ta' madwar €800,000 kif ukoll €600,000 oħra li f'din il-leġiżlatura twarrbu għall-bini ta' l-uffiċċju tal-Kunsill.

B'referenza għar-rapport ta' l-NAO rigward "*Over Due Debtors*"ta' €78,461.56 dovuti lill-Kunsill mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, €5,454.32 minn Green MT u €8,675.47 mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, il-Kunsill jemmen li ma għandhomx jiġu meqjusa *bad debts* imma jsir sforz biex l-ammonti dovuti jinġabru.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tar-rapport kif tressaq.

Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

**41.6.2 Rapport Q4 *Financial Statement* 31/12/2021**

Wara li l-*accountant* tal-Kunsill is-Sinj. Romina Perici Ferrante tat spjegazzjoni tar-rapport, is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tiegħu.

Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

**41.6.3 Rapport - Installazzjoni ta' *Charging Pillars***

Is-Sindku qal li l-Kunsill innota l-imejl u l-pjanti li ntbagħtu. Biss, fakkar li fil-laqgħa kellu jiġi ppreżentat rapport qasir li jindika fejn qed jiġu proposti s-siti.

Kien propost ukoll, li l-Kunsill għandu jenfasizza mal-Awtoritajiet biex kull *charging pillar* eżistenti ma tibqax riservata esklussivament għall-kumpanija kummerċjali waħda partikolari imma tkun għall-użu ta' kull minn għandu vettura li taħdem bl-elettriku. Dan b'rispett sħiħ lejn il-priċipju fundamentali ta' kummerċ ġust bejn negozju w ieħor u d-drittijiet indaqs bejn persuna u oħra.
Il-Kunsillier Stephen Cremona ġie nkarigat biex fil-laqgħa li jmiss iressaq ir-rapport.

19.24 - Il-Kunsillier Anthony Delia skuża ruħu u ħareġ mill-laqgħa.

**41.6.4 Rapport - Evalwazzjoni *Tender Walkway Balcony***

Bħala punt ta' informazzjoni ntbagħtet rikjesta għal kjarifika li għandha tasal sal-lum.

**41.6.5 Rapport - Ingaġġ tal-Ħaddiema**

**41.6.5.1 Vaganza Skrivani Skala 15 *Notch* 3**

Fil-21 u fis-26 ta' Jannar 2022, inżammu l-intervisti għal dawk li jirreġistraw fuq il-partijiet 1 u 2. Applikaw 6 persuni, persuna minnhom instabet li ma hijiex eliġibbli u persuna oħra nformat li sabet impjieg. Għall-intervisti attendew 4. Kienu 2 applikanti li laħqu l-ammont rikjest tal-marki, biss persuna minnhom informat verbalment li mhux interessata aktar. Il-Bord ta' l-għażla tal-Ħaddiema ppropona li l-persuna bl-inizjali H.A tiġi ngaġġata, u l-Kunsill ikompli l-proċess minn fejn tħalla f'dan l-istadju bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Mary Borg issekondat l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

**41.6.5.2 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

Fil-9 ta' Frar 2022, inżammet l-intervista għall-uniku persuna li wriet interess fil-kariga. Hi ma kisbitx biżżejjed marki biex tgħaddi mill-intervista. Għaldaqstant il-Bord ta' l-għażla tal-Ħaddiema ppropona li tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid. Is-Sindku Alfred Grima ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsillier Daryl Connor issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

**41.6.5.3 Vakanza *Operative Hand* Skala 18 *Notch* 3**

Fid-9 ta' Frar 2022, inżammu l-intervisti għal dawk li jirreġistraw fuq il-partijiet 1 u 2.
Applikaw 8 persuni, persuna minnhom ma attenditx għall-intervista. Kienet persuna waħda biss li laħqet l-ammont rikjest tal-marki. Il-Bord ta' l-għażla tal-Ħaddiema ppropona li l-persuna bl-inizjali R.V.D. tiġi ngaġġata, u l-Kunsill ikompli l-proċess minn fejn tħalla f'dan l-istadju bl-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.
Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda ll-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

**41.7 *Tender Non-urban grass cutting***

Skond dak impost mill-Qorti ta' Malta, jeħtieġ li l-Kunsill jaħtar 3 persuni biex jaġġudikaw mill-ġdid it-*tender Non-Urban Grass Cutting*.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għall-ħatra lil *Contracts Manager* Ryan

Mercieca, Perit mill-uffiċċju EMPD u Daniel Galea, *accountant*.
Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni.

Il-Kunsill approva nem.con.

**41.8 Ċir. AKL 2022/016 *Urban Greening Scheme* 2022 – deadline 28th February 2022**

Is-Sindku Alfred Grima nforma li nħarġet skema *Urban Greening* 2022 li hi maqsuma fuq 3 kategoriji u li qed jipproponi li l-Kunsill japplika għat-tlieta li huma. Qal, ikun ħela ta' finanzi pubbliċi jekk ix-xogħol li sar fuq il-preparamenti tal-proġett ta' restorazzjoni tal-*Pill Box* ta' Ġnien Olimpiku jibqa' fuq l-ixkaffa.

Għaldaqstant ippropona, li ssir applikazzjoni kategorija (A) bil-proġett ta' restorazzjoni tal-*Pill Box* u l-madwar fi Ġnien Olimpiku. Fejn isir tħawwil ta' aktar siġar u li parti mill-ilma tax-xita ta' Dawret San Pawl jinġabar għat-tisqija tas-siġar kif ukoll biex issir attrazzjoni ġdida ta' nixxija tal-ilma. Semma, li l'quddiem il-proġett jista jsir aktar innovattiv billi l-ilma miġbur jibda jiġi utilizżat għal *flushings* tal-latrina pubblika li tinsab fl-akkwati.

Ippropona, li l-Kunsill idaħħal applikazzjoni oħra kategorija (B) għat-tisbiħ tal-ħajt li jinsab fi Plajjet Bognor. Fejn l-arti tiżżewwaq ma *green wall*. B'hekk, jitwettqu żewġ approvazzjonijiet oħra preċedenti tal-Kunsill.
Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Il-Kunsill approva nem.con.

**41.9 - MFER/51/2021: – *Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits***

Minħabba dati ristretti, il-Kunsill irriserva d-dritt li japplika għall-iskema MFER/51/2021 biex jiġu nstallati apparat ta' *Percussions Exibits* fi Ġnien il-Millenju, suġġett li l-Kunsill japprova. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jipparteċipa fl-iskema.

Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

**41.10 Ħatra ta' membru tal-Bord tal-Klejms**

Il-Kunsill approva l-ħatra tal-Kunsillier Mary Borg bħala membru tal-Bord tal-Klejms biex tieħu post il-Kunsillier Graziella Galea li rriżenjat mill-Kunsill. Saret premura biex il-Bord jiltaqa' b'mod immedjat u jagħti r-rakkomandazzjoni tiegħu.

**41.11 Garanziji Bankarji**

Is-Sindku qal li fil-leġiżlatura preċedenti ddaħlet użanza li kull rikjesta għar-rilaxx ta' garanzija bankarja abbinata mal-bankini li tidħol il-Kunsill tintbagħat lill-Perit tal-Kunsill. Dan qed ifisser spiża għall-Kunsill ta' mill-anqas 88.50 Euro għal kull spezzjoni.
Il-Kunsill qabel li dawn l-ispezzjonijiet jinżammu mill-*Contracts Mananager*.

**41.12 Laqgħa Annwali April 2022**

Il-Kunsill qabel li l-laqgħa annwali tinżamm fis-sala tal-Kunsill nhar it-13 t'April 2022 bejn il-5.30 ta' filgħaxija sa 7.30 ta' filgħaxija.

## 41.13 Attivitajiet

### 41.13.1 *Voomquest - World power boat racing championship*

Voomquest, ressqu rikjesta biex il-Kunsill jerġa jappoġġja l-programm ta' tlielaq li se inżammu fit-22, 23, 24 ta' April 2022. Hekk kif kien ġie approvat fil-laqgħa 12 *item* 12.8 u li ġiet ikkanċellata minħabba l-pandemija covid-19. Il-ftehim kien jikkonsisti;

1. Li l-aċċess għall-vetturi jkun ristrett għal ġimgħa mill-moll ta' Buġibba sad-daħla tal-garaxxijiet ta' Porto Paolo, f'Dawret il-Gżejjer.
2. Illi, il-Kunsill jieħu ħsieb il-permessi biex jingħalqu t-toroq inkluż l-avviż fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll l-uffiċjali biex jimmaniġjaw it-traffiku tul l-attivita'.
3. Illi, il-Kunsill jisponsorja *trophies* u *VIP momento*.

Il-Kunsill approva nem.con.

### 41.13.2 Karnival 2022

3 ta' Frar 2022 - Il-Kunsill kiteb b'mod uffiċjali biex il-Karnival jerġa jittella' fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar, possibilment fis-27 u 28 ta' Awwissu 2022.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jorganizza l-karnival.
Il-Kunsillier Daryl Connor issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

### 41.13.3 Attivitajiet ta' logħob għat-tfal –

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jorganizza logħob għat-tfal f'Burmarrad, fil-Pjazza ta' Porzjunkula u possibilment fix-Xemxija.
Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

### 41.13.4 *Destination North - Summer Grand Finale*

Is-Sindku Alfred Grima ppropona li tibda tittella' attivita' tal-massa li tkun mifruxa max-xtajta kollha madwar il-lokalita' fuq diversi jiem kull sena li tagħlaq l-istaġun tas-Sajf, bl-involviment dirett tas-settur kummerċjali lokali u tal-Kunsill. B'hekk tinħoloq opportunita' oħra ekonomika li tgħin mhux ftit lil lokalita' ta' San Pawl il-Baħar. Avvenimenti marbuta mal-kultura, l-edukazzjoni u l-isport.

Il-Kunsillier Alfred Bray issekonda l-mozzjoni.
Il-Kunsill approva nem.con.

### 41.13.5 Attivita tal-Milied

Is-Sindku Alfred Grima ppropona li jittella' il-Villaġġ tal-Milied fil-Qawra limiti tal-Knisja u li terġa' issir il-parata tal-Milied.
Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

**41.13.6 Baġit tal-attivitajiet 2022**
Ippropona ukoll baġit ta’ 75,000 Euro *għall*-attivitajiet kollha, dawk organizzati mill-Kunsill u 15,000 Euro biex isir investiment f’armar tal-Milied.
Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

**<u>41.14 Applikazzjonijiet mal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar</u>**

PC/017/21 *Proposed schemed pedestrian public road at Triq it-Tamar*

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni;

1. Li ma jintilfux parkeġġi fi triq pubblika fil-parti ta’ quddiem ta’ fejn qed tiġi proposta ż-żona pedonali.
2. Li l-manteniment u manutenzjoni taż-żona kollha tal-parti ta’ fejn qed tiġi proposta ż-żona pedonali tibqa’ għall-inkarigu ta’ l-iżviluppaturi.

**PA/01491/17 Misraħ il-Bajja, Triq Sant’Antnin, Triq il-Bajja, San Pawl il-Baħar**
*Removal of existing paving, street furniture and fixtures; proposed reservoir & embellishment of piazza including paving, street furniture, landscaping and installation of shading devices. Works include alterations to street and promenade layout.*

Il-Kunsillier Paul Bugeja ddikjara konflitt ta’ interess u ma pparteċipax.

Filwaqt li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-applikazzjoni, enfasizza biex;

1. L-aċċess liberu għat-trejqa u l-garaxx eżistenti ta’ bejn l-ex Miracles Bar u l-Victoria Gastro Pub jibqa’ mhux mittiefes.

2. Ma jiġux imblukkati bis-siġar il-ħwienet li hemm fl-akkwati.

**PA/7873/21 Highland Outlet, Triq San Pawl c/w, Triq il-Paci, San Pawl il-Baħar**
*Minor internal alterations and change of use to Class 4B shop*

L-iżviluppatur talab *clearance* mill-Kunsill għar-rampa li hemm eżistenti fi Triq San Pawl quddiem il-binja Highland Outlet u l-bank.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**<u>41.15 Approvazzjoni ta’ kontijiet u xiri ta’ oġġetti/servizzi.</u>**

**41.15.1 RfQ Bini ta’ ħitan tas-sejjiegħ**
Il-Kunsill approva l-ħruġ ta’sejħa pubblika għal xiri ta’-
Servizz ta’ bini ta’ ħitan tas-sejjiegħ u xiri ta’ ġebel tas-sejjiegħ u materjal meħtieġ.

**41.15.2 RfQ Kiri ta' vettura kummerċjali ta' daqs medju**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għall-kiri ta' vettura kummerċjali ta' daqs medju għall-użu tas-sezzjoni tal-manutenzjoni bi spiża massima ta' 5,000 Euro.

**41.15.3 RfQ Xiri ta'servizz ta' Ko-ordinatur għall-attivitajiet**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għax-xiri ta' servizz ta' ko-ordinatur ta' attivitajiet

**41.15.4 RfQ Kiri ta' *PA/Sound System* u Dwalijiet**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għall-kiri ta' *PA/Sound System* u Dwal.

**41.15.5 RfQ Xiri ta' servizz ta' *Content writing***

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta'sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' *Content Writing.*

**41.15.6 RfQ Xiri ta' servizz ta' ftuħ ta' sistema ta' drenaġġ**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta'servizz ta' ftuħ ta' sistema ta' drenaġġ.

**41.15.7 RfQ Xiri ta' servizz ta' tisqija ta' siġar u pjanti**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' tisqija ta'siġar u pjanti.

**41.15.8 RfQ Xiri ta' 4 laptops għall-Uffiċċju (2 replacement)**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' 4 laptops għall-Uffiċċju.

**41.15.9 RfQ Xiri ta' servizz għall-Art Work design**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' Art Work Design.

**41.15.10 RfQ Xiri ta' 8 Notice boards**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' 8 Notice boards.

**41.15.11 RfQ Xiri ta' servizz ta' mili ta' applikazzjoni ta' diversi skemi kemm lokali u kif ukoll dawk Ewropew**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' mili ta' applikazzjoni ta' diversi skemi kemm lokali u kif ukoll dawk Ewropew.

**41.15.12 RfQ Xiri ta' servizz għall-Risk Assessments għall-avvenimenti kemm dawk tal-health kif ukoll dawk marbuta ma' l-avveniment skond il-liġi**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' Risk Assesments għall-avvenimenti kemm dawk ta'health kif ukoll dawk marbuta ma' l-avveniment skond il-liġi.

**41.15.13 RfQ Xiri ta' servizz ta' fotografu**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' servizz ta' fotografu.

**41.15.14 RfQ Xiri ta'Annimali tal-fiber jew bzonn**

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' annimali tal-fiber jew bzonn.

**41.15.15 RfQ Mwejjed tal-konkos b'logħob diversi bħall-*chess* jew *snakes & ladders***

Il-Kunsill approva l-ħruġ ta' sejħa pubblika għal xiri ta' Mwejjed tal-konkos b'logħob diversi bħall-*chess* jew *snakes & ladders.*

**41.16 Approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti – skeda 3**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda ta' pagamenti perjodu 16/01/2022 -14/02/2022 bl-eċċezzjoni li l-Pagament 175 Bibien ta' l-Eroko, isir ħlas ta' 4,000 Euro u l-kumplament jitħallsu meta jitwaħħlu l-bibien.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ssekonda l-mozzjoni.

Il-Kunsill approva nem.con.

**41.17 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fit-8.25 ta' filgħaxija u aġġornata għall-Ġimgħa 11 ta' Marzu 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Approvati illum_______________________

| | |
|---|---|
| ____________________ | _________________________ |
| Sur Alfred Grima | Sa. Elke Sghendo |
| Sindku | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv |